MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 234/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Philip Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha mija, erbgha u tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu (€784.86) in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40145612* mghotija mis-Socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-

trattazzjoni ta’ din il-kawza u skont id-dokumenti prezentati.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, u filfatt deher ghas-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2012 fejn informa lit-Tribunal illi huwa diga beda jhallas. Minkejja li kellu zmien sabiex jaghmel ir-risposta tieghu huwa baqa ma prezentahiex. It-Tribunal baqa jghati zmien sabiex din tigi prezentata u fis-seduta tal-10 ta’ Ottubru, 2012 deher il-konvenut li ammetta t-talba attrici.

Illi t-Tribunal gie infurmat miz-zewg partijiet illi hemm ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut sabiex il-konvenut jhallas dak li huwa dovut minnu permezz ta’ pagament b’rata mensili ta’ hamsin ewro (€50).

Illi t-Tribunal wara li sema l-ammissjoni tal-konvenut u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Jiddecidi l-kaz billi, jilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u dan peress illi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha mija u erbgha u tmenin ewro u sitta u tmenin centezmu (€784.86). Il-pagament ghandu jsir b’pagamenti mensili bir-rata ta’ hamsin ewro (€50) liema somma ghandha tithallas kull l-ewwel tax-xahar. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-ewwel pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------